Minuti tal-Laqgħa Nru. 14 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ħamis 12 ta' Mejju 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is- Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | L-Onor. Silvio Schembri |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum Hal Luqa
5. Tenders
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 3.2 kien tkellem fuq il-kurduna taċ-Ċimiterju ta' Ħal Luqa. Is-Sindku qal li din diġa saret.

1.2 Il-Viċi Sindku semmiet li fuq punt 3.13 din kellha tkun imniżżla fuqha u l-post huwa Triq il-Karmnu faċċata tal-HSBC. Is-Sindku qal li Transport Malta ma tagħtix permess biex isir U Bar hawnhekk għax il-bankina hija dejqa.

1.3 Il-minuti kienu ipproponuti mis-Sindku u Viċi Sindku. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dawn il-minuti.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li l-bozza ta Triq Sant' Andrija k/m Triq San Ġorġ kienet xegħlet. Is-Sindku qal li kellna nerġgħu ndaħħlu l-applikazzjoni mill-ġdid.

2.2 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet ukoll li anki dawk il-bozoz li kienet irrappurtat li ma kinux qed jixgħelu fi Triq il-Gudja ġew irranġatti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li kien attenda għall laqgħa tas-Sindki fejn iddiskuttew fuq it-trasport pubbliku, l-ħaddiema li kienu tal-Community Work Scheme u performance bonus relatatt magħhom. Huwa semma ukoll li kien hemm is-Shadow Minister li tkellem fuq il-proċess tal-awditjar.

3.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta kien se jsir l-arblu peress li huwa kien kellem lis-Segretarju fuqu biex dan isir. Is-Segretarju semma li l-istripi li kien sab biex dan jitpoġġa fuqu kienu żgħar.

3.3 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet fuq il-website. Is-Segretarju semma li kien hemm xi problemi fuq il-connection fejn kien se juri l-website matul il-laqgħa imma ma setax.

3.4 Is-Sindku irringrazzja lill-Onor. Silvio Schembri talli għoġbu jilqa l-istedina tal-Kunsill u jkun preżenti waqt il-laqgħa. L-Onor. Schembri qal li l-intenzjoni tiegħu hija li jkompli jara l-lokalita tikber u timxi l-quddiem. Huwa qal ukoll li kien preżenti llum biex jara ukoll il-kunsilliera x' għandhom xi jgħidu.

3.5 Is-Sindku semma li l-problema tal-lokalita hija l-limitazzjoni ta' fondi u rringrazzjah talli kien t' assistenza anki biex il-Kunsill Lokali imbarka fuq diversi proġetti li kieku dawn ma kinux ikunu jistgħu jsiru. Is-Sindku irringrazzjah ukoll talli kien strumentali biex għamel pressjoni fuq ir-restawr tal-istatwa ta' Sant' Andrija u fil-proġett tal-Bandli.

3.6 Is-Sindku semma li għad fadal pendenti l-kwistjoni tal-bus shelters. Is-Sindku semma wkoll li huwa kien imwiegħed mill-Gvern Ċentrali preċedenti madwar erba snin ilu li kellhom isiru erba' toroq u dawn għadhom ma sarux. Is-Sindku semma wkoll li huwa kien għamel pressjoni biex isir id-dawl fi Triq Ħal Farruġ waqt laqgħa tal-Kabinett li saret f' Birżebbuġia fejn kien imwiegħed li dan se jsir.

3.7 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm xi fondi imħabbra fuq il-librerija biex din tkun imkabbra. Hija qalet li kien hemm xi spazju fuq wara li seta jkun utilliżat minn naħa tal-Iskola u għalhekk kien hemm bżonn li nidħlu fuq dan l-item aktar fid-dettal.

3.8 Is-Sindku qal li bħala librerija din hija waħda reġjonali imma kienet żgħira.

3.9 L-Onor. Schembri qal li kien hemm ħafna applikazzjonijiet għar restawr fejn il-Gvern għall din is-sena ried li jsiru żewġ proġetti kbar u wieħed żgħir fejn intgħażlu 5 Kunsilli Lokali minn fost il-35 Kunsill li applikkaw. Huwa qal li kien għamel pressjoni biex l-istatwa ta' Sant' Andrija tkun minn tal-bidu.

3.10 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-ħadid taz-zuntier kif ukoll sabiex xi darba jsir ir-restawr tal-istatwa tal-Kuncizzjoni.

3.11 Il-Viċi Sindku saqsiet jekk hemmx xi fondi li jistgħu jintużaw fuq proġetti kontra l-għargħar fil-każ ta Triq il-Karmnu, Sqaq Nru 4.

3.12 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet fuq il-fondi tal-Unjoni Ewropeja li dawn qed ikunu diffiċli biex napplikkaw għalihom anki peress li nkunu irridu noħorġu ko finanzjament. L-Onor. Schembri qal li issa peress li l-pajjiż huwa aktar finanzjarjament b' saħħtu se jkunu qed jitolbu 20% ta ko finanzjament mill-applikant. Huwa qal li l-unika eċċezzjoni kienet fil-każ ta Miżura 313 fejn il-Kunsill Lokali ma kienx meħtieġ li jkollu ko finanzjament.

3.13 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jsiru il-water culverts fuq in-naħa ta fejn il-Carly's. Is-Sindku semma li hemm problema kbira ta' pendiel u dislivell kbir.

3.14 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri semmiet jekk nistgħux nippromwovu l-lokalita tagħna aktar fuq l-aspett turistiku. L-Onor. Schembri qal li l-lokalita tkun promossa fuq dak li għandha x tippreżenta.

3.15 Il-Kunsillier Bruno qal jekk tistax issir xi ħaġa fuq Sqaq il-Karmnu Nru 4, peress li din it-Triq fiha ħafna ħofor. Is-Sindku semma li se jkun hemm programm ta' fondi ġodda minn fejn inkunu nistgħu napplikkaw. Il-problema dejjem kienet l-ammont t' ilma li jgħaddi minn din it-Triq li qiegħed jagħmel ħafna ħsara.

3.16 Il-Kunsillier Camilleri issuġġerrixxa li peress li se jsir proġett fejn jinbena Housing Estate ġo Ħal Farruġ nistgħux nitkellmu mal-Awtorita tad-Djar biex ningħataw xi forma ta' kumpens. L-Onor. Schembri irrisponda li huwa kien diġa qed jagħmel pressjoni mal-awtoritajiet konċernati sabiex titneħħa l-liwja ta' Triq Wied in-Noqor.

3.17 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm problema tat-traffic management. L-Onor. Schembri qal li r-raġuni tiegħu biex ikellem lil-MIA hija preċiżament dik tal-problema tat-traffiku sabiex ikun jista jkellimhom fuq il-proġett tat-tisbiħ tal-Pjazza u Triq Sant' Andrija. Huwa qal li kellu diskussjoni mal-Airport fejn talab għall embellishment.

3.18 L-Onor. Schembri semma li jixtieq li jkollu approvazzjoni mill-Kunsill Lokali biex ikun jista jitkellem għan nom tal-Kunsill. Huwa semma wkoll li hemm bżonn li l-Kunsill Lokali anki jkollu xi pjanti ta kif qed jippjana li jsir dan il-proġett. Huwa semma wkoll li l-Kunsill Lokali jista jkollu bżonn jagħmel konsultazzjoni ukoll.

3.19 Is-Sindku semma lill-Kunsill Lokali kellu bżonn jieħu deċiżjoni jekk l-Onor. Schembri jirrappreżentahx quddiem l-entitajiet. Huwa qal li għalhekk se joħroġ mill-kamra peress li ma jħossux komdu f' din id-deċiżjoni għall fatt li huwa missier l-Onor. Silvio Schembri.

3.20 Wara li ħareġ is-Sindku il-Kunsilliera preżenti iddiskutew dan l-item u qablu unanimament sabiex l-Onor. Silvio Schembri ikun responsabbli ta' dan il-proġett u jirrappreżenta l-Kunsill Lokali.

3.21 Is-Sindku semma li kienet intbagħatet email tat-TCTC fuq il-korsijiet għat tfal fis-Sajf. Huwa saqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jsiru dawn il-korsijiet. Il-Kunsilliera qablu li dawn isiru.

3.22 Is-Sindku semma li kienet se ssir konferenza minn naħa tal-Wasteserv biex ikun hemm aktar għaqal fuq l-iskart iġġenerat.

3.23 Is-Sindku qara stedina minn naħa tal-Palazz tal-President li dawn kienu se jiftħu l-Palazz għall pubbliku fil-15 ta' Mejju.

3.24 Is-Sindku qara email minn naħa tal-Għaqda tal-Ortikultura li kienet tgħid fuq il-wirja li kienet se ssir f' Sant' Anton sabiex naraw il-Kunsill Lokali jkunx interessat li jesebixxi fiha.

3.25 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera minn kien se jattendi għal laqgħa plenarja tar-Reġjun. Huma qalulu li diġa kienu ikkuntattjatti mill-Kunsill sabiex inkunu nistgħu nibbukkjawlhom.

3.26 Il-Kunsillier Camilleri qal li kien hemm ċertu Manuel Mifsud li tneħħietlu r-rampa minn quddiem il-garaxx tiegħu li joqgħod fi Triq il-Gudja meta kienet saret it-Triq. Is-Sindku qal li huwa se jmur jara fuq il-post u jara kif din tista ssir.

3.27 Il-Kunsillier Camilleri qal li kienet kellmitu Tiziana tas-Centre Stage biex forsi issirilha żebgħa safra quddiem fejn għandhom l-istudio tagħhom. Is-Sindku qal li se jkun qed jara fuq dan il-każ imma jkun hemm bżonn li hi tagħmel sticker tan-No Parking.

3.28 Il-Kunsillier Camilleri semma li kien hemm familja li kienet kellmitu fuq xi żebgħa li kellha ssir f' Valletta Road. Is-Sindku qal li huwa kien jaf bil-każ u ż-żebgħa kienet saret.

3.29 Il-Kunsillier Camilleri qal li s-Sindku kien żied xi parkeġġ fi Triq Dun Pawl u kien hemm minn ikkritikah. Is-Sindku qal li dan pero kien sar skont ir-regolamenti tat-Transport Malta. Il-Kunsillier Camilleri semma li fl-istess Triq kien hemm tappiera tad-drenaġġ li kienet qed tħabbat.

3.30 Il-Kunsillier Camilleri li kien kellmu s-Sur. Twanny Pace fuq il-Kappella ta' Ħal Farruġ minħabba li kienu qed jidħlu l-karozzi fejn hemm iz-zuntier. Is-Sindku qal li jekk il-Kappillan juri x-xewqa bil-miktub sabiex hawn ma jsirx parkeġġ, il-Kunsill ikun lest li jieħu azzjoni.

3.31 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm spuction bil-ħsara fi Triq il-Karmnu kantuniera ma Sqaq Nru 4. Is-Segretarju qal li dan kien suppost irranġatt.

3.32 Il-Viċi Sindku qalet jekk tistax issir tabella biex it-tfal ma jilgħabux bil-balun fejn hemm il-Housing Estate ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku qal li tabella ta dan it-tip normalment issir ġo Bandli u mhux f' post bħal dan.

## 4.0 JUM ĦAL LUQA

4.1 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-attivita se tiltaqa għall aħħar ġimgħa t' Awwissu jew f' nofs Settembru.

4.2 Il-Kunsillier Camilleri qal lill-Kunsillier Bruno sabiex jorganiżżaw laqgħat maż-żgħażagħ u jitkellmu fuq x' attivita jistgħu jorganiżżaw.

4.3 Is-Sindku qal li l-Ħadd li ġej kien se jkun hemm il-Quddiesa fit-8.30 am u wara mill-ewwel il-korteo għall quddiem il-Monument tal-Gwerra. Huwa reġa ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu.

## 5.0 TENDERS

5.1 Is-Sindku semma li fuq it-tender tal-lattrini kien hemm ħames offerti u tnejn minhom ġew l-istess prezz. Huwa qal li peress li dan it-tender huwa pjutost żgħir ma jirrekjedix makkinarju ippropona li mmorru għall aktar waħda vantaġġjuża għall Kunsill. Madanakollu peress li dawn huma l-istess nies li kienu qed jagħmlu dan ix-xogħol ta' tindif, it-tender għandha validita ta' sena u jaħdmu sitt xhur kull wieħed. Huwa qal ukoll li kif tgħaddi s-sena jerġa jinħareġ it-tender mill-ġdid. ippsemma li dawn it-tnejn kien kellimhom u wissiehom li dawn l-affarijiet ma jistgħux isiru.

5.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-proposta tas-Sindku.

**Il-Kunsillier Bruno u l-Kunsilliera Massa talbu biex joħorġu fis-18.40 pm.**

5.3 Il-Kunsillier Caruana semma li waqt li kien hemm l-Onor. Schembri dan seta semmielu sabiex il-lattrina terġa tinbidel kompletament minn ġewwa.

5.4 Is-Sindku qal li tista tinħadem stima kemm din tiġi tiswa lill-Kunsill sabiex isir ix xogħol fuqha.

**6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET**

6.1 Is-Segretarju ippreżenta schedule of payments lill-Kunsilliera li kienet emendata billi ddaħħal il-pagament lis-Sinjura Catherine Galea u kien hemm in-numru taċ-ċekk tas-CIR li ma kienx jaqbel.

6.2 L-iskeda tal-Pagamenti kienet ipproponuta mis-Sindku u ġiet sekondata mill-Viċi Sindku.

**7.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 12 ta' Mejju 2016 fis-7.30 pm. Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li l-laqgħa li jmiss kienet se ssir fil-bidu ta' Ġunju.

Konfermati llum ________________________2016.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |